



Brussell, 26 ta' Novembru 2021
(OR. en)

13670/21
COR 1

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0218(COD)**

ENER 473
CLIMA 346
CONSUM 252
TRANS 654
AGRI 527
IND 323
ENV 834
COMPET 780
CODEC 1431
IA 184

NOTA

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	10746/21 + ADD 1
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 98/70/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli, u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2015/652 - Rapport ta' progress

Fid-dokument ST 13670/21 INIT,

1. Fil-paġna 3, Taqsima A, l-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu għandha taqra:
"Hija l-fehma tal-Presidenza li, f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2020, id-delegazzjonijiet jaqblu li l-kisba ta' objettiv ogħla tal-UE għall-enerġija rinnovabbli hija fundamentali għall-għanijiet ġenerali ta' dekarbonizzazzjoni tal-UE filwaqt li tikkontribwixxi wkoll għall-kompetittività u s-sigurtà tal-provvista tal-UE."

2. Fil-paġna 6, l-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu għandha taqra:
"Id-delegazzjonijiet ġeneralment jirrikonoxxu l-ħtieġa li tizzied il-penetrazzjoni tal-enerġija rinnovabbli fil-bini. Madankollu, għadd ta' delegazzjonijiet esprimew riżervi dwar il-mira [~~mira~~] indikattiva l-ġdida tal-UE ta' 49 % tal-użu tal-enerġija fil-bini tal-UE, b'xi wħud iqisu li dan l-objettiv mhuwiex realistiku, filwaqt li oħrajn indikaw dispożizzjonijiet eżistenti f'leġiżlazzjoni oħra bħad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija (EPBD)."
3. Fil-paġna 8, l-aħħar sentenza tal-ewwel paragrafu għandha taqra:
"Saru bosta mistoqsijiet tekniċi dwar in-natura u l-metodoloġija tal-kalkolu taż-żidiet nazzjonali u l-interazzjonijiet **tagħhom** maż-żieda annwali vinkolanti."
4. Fil-paġna 8, l-ewwel sentenza tat-tielet paragrafu għandha taqra:
"Xi delegazzjonijiet huma xettiċi dwar dawk id-dispożizzjonijiet, u b'mod partikolari, fir-rigward taż-żieda proposta (mill-1 attwali sa 2.1 punti perċentwali) tal-mira indikattiva **tas-sehem tal-enerġija minn** sorsi rinnovabbli u mis-sħana u l-keşha mormija fit-tisħin **u fit-tkessiħ** distrettwali."